ISTITUT EWROPEW GĦALL-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

# EIGE

## Programm ta' Ħidma Annwali 2010

Adottat fid-29 ta' April 2010

Verżjoni Finali

# INTRODUZZJONI

## Storja qasira tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

L-ewwel ħsieb li jiġi stabbilit Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi ġie propost għall-ewwel darba fl-1995 meta ġie ippreżentat abbozz ta' proposta għall-istabbiliment ta' istitut bħal dan mill-Ministru Svediż tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi f'seminar li sar fi Stokkolma f'Ġunju 1999[1].

Bħala parti mill-Aġenda tal-Politika Soċjali, adottata f'Nizza f'Diċembru 2000, il-Kunsill Ewropew għaraf il-ħtieġa li titqajjem sensibilizzazzjoni, jinġabru flimkien ir-riżorsi u li jsir skambju tal-esperjenzi sabiex tiġi promossa l-ugwaljanza bejn is-sessi, b'mod partikolari permezz tal-istabbiliment tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.

Il-Kummissjoni Ewropea għamlet studju ta' fattibbiltà li sar skont l-Istrateġija Qafas tal-Komunità dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2001-2005). Il-Kunsill Impjiegi, Affarijiet Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur tal-1-2 ta' Ġunju 2004[2], fuq il-bażi tar-riżultati tal-Laqgħa Informali tal-Ministeri għall-Ugwaljanza mlaqqa' mill-Presidenza Irlandiża fis-7 ta' Mejju 2004, appoġġja bis-sħiħ il-prinċipju tal-istabbiliment tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, filwaqt li enfasizza l-importanza ta' struttura li ġġib valur miżjud u ma tidduplikax l-attivitajiet eżistenti f'dan il-qasam.

F'Ġunju 2004, il-Kunsill Ewropew[3], waqt li rrifletta l-miri tal-aġenda ta' Lisbona[4] fir-rigward tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u filwaqt li qies id-diskussjonijiet preċedenti, esprima l-appoġġ tiegħu għall-istabbiliment tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u stieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposta speċifika.

Il-Parlament Ewropew kien ilu jitlob ukoll sa mill-2002 għall-istabbiliment ta' Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi[5]. F'Ġunju 2004, huwa ppubblika rapport dwar ir-Rwol ta' Istitut Ewropew Futur għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.

L-Istitut daħal fis-seħħ meta l-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.

---

1 Rapport mis-seminar dwar l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi li sar fi Stokkolma f'Ġunju 1999, Minsiteru Svediż għall-Industrija, l-Impjiegi u l-Komunikazzjonijiet (Stokkolma, Jannar 2000).

2 Kunsill tal-UE, Stqarrija għall-Istampa 9507/04, p. 11.

3 Il-Kunsill Ewropew, 17-18 ta' Ġunju 2004, Konklużjonijiet tal-Presidenza, paragrafu 43.

4 Il-Kunsill Ewropew, 23-24 ta' Marzu 2000, Konklużjonijiet tal-Presidenza, paragrafu 5.

5 Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew P5-TA (2002) 0372 tal-4 ta' Lulju 2002, P5-TA (2002) 0606 tas-17 ta' Diċembru 2004, P5-TA (2004) 0023 tal-14 ta' Jannar 2004 u P5-TA (2004) 0167 tal-10 ta' Marzu 2004.

## SFIDI GĦAS-SENA LI ĠEJJA

### KUNTATTI MAL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUMMISSJONI EWROPEA MĠEDDA

Matul l-2010, l-Istitut sejjer jiżviluppa kooperazzjoni li diġà hija stabbilita mal-Parlament Ewropew il-ġdid, b'mod partikolari mal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (FEMM). Sejrin jiġu diskussi l-oqsma ta' interess tal-Parlament b'rabta mal-Programm ta' Ħidma Annwali tal-EIGE u attivitajiet konġunti possibbli.

Il-bidliet fil-Kummissjoni ser iġibu magħhom ukoll ħafna sfidi meta l-Kummissarju l-ġdid għall-Ġustizzja, id-Drittijiet Fundamentali u ċ-Ċittadinanza jibda jippjana u jimplimenta l-istrateġiji l-ġodda. Ser jiġi deċiż ir-rwol tal-EIGE fl-appoġġ tal-ħidma tal-Kummissjoni u u tal-Kummissarju.

### L-ISTRATEĠIJA L-ĠDIDA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦALL-UGWALJANZA BEJN IN-NISA U L-IRĠIEL 2011-2015

Il-Programm ta' Ħidma Annwali tal-EIGE jipprova jippjana u jimplimenta attivitajiet li jibnu fuq uħud mill-oqsma tal-Pjan Direzzjonali attwali għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Diversi oqsma ta' prijorità huma parti mill-ħidma tal-EIGE, jiġifieri l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-UE, l-isterjotipi u l-midja massiva. L-Istitut sejjer jaħdem mill-qrib mad-DĠ għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Ugwali biex jikkoordina l-attivitajiet tiegħu li huma rilevanti għall-istrateġija l-ġdida li għandha tiġi ppubblikata fis-sajf 2010.

### KRIŻI EKONOMIKA U FINANZJARJA

Minkejja l-istrateġiji kollha ta' rkupru u tentattivi biex tinstab soluzzjoni għall-ħruġ mill-kriżi, l-isfidi marbuta mal-ugwaljanza bejn is-sessi jibqgħu, bħal opportunitajiet imtejba fis-suq tax-xogħol għan-nisa u għall-irġiel, protezzjoni soċjali li tiffunzjona u żieda fl-età tas-soċjetà.
L-opportunitajiet għat-titjib fl-ugwaljanza bejn is-sessi huma marbuta mill-qrib mas-sitwazzjoni ekonomika attwali. L-ugwaljanza bejn is-sessi tkun teħtieġ għodod u approċċi li jgħinu fit-taffija tal-konsegwenzi tal-kriżi fuq in-nisa u l-irġiel.

### ĦOLQIEN TA' ORGANIZZAZZJONI ĠDIDA

Il-ħidma fuq l-istabbiliment tal-Istitut sejra tilħaq il-qofol tagħha matul l-2010. Bħala aġenzija komparattivament żgħira tal-UE, l-EIGE trid turi l-aqwa kompetenza u professjonalità jekk għandha ddaħħal fis-seħħ ir-regoli interni u d-dokumenti kollha meħtieġa kif ukoll jekk għandha tibda tikseb riżultati fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi.

WERREJ

1 IL-MISSJONI U L-FOKUS TAL-EIGE GĦALL-2010

1.1 OBJETTIVI ĠENERALI

1.2 OQSMA FOKALI GĦALL-2010

1.3 APPROĊĊ U METODI TA' IMPLIMENTAZZJONI

2. PROGRAMM TA' ĦIDMA 2010

2.1 QASAM FOKALI 1: STRUTTURA ISTITUZZJONALI TAL-ISTITUT

2.1.1 ŻGURAR TAL-INDIPENDENZA AMMINISTRATTIVA U FINANZJARJA

2.1.2 KORPI TAL-EIGE

2.2 QASAM FOKALI 2: APPOĠĠ GĦAR-RIĊERKA U L-ĦIDMA TA' POLITIKA TAL-ISTITUZZJONIJIET TAL-UE U TAL-ISTATI MEMBRI

2.2.1 ŻVILUPP TA' DEJTA, STATISTIKA U INDIKATURI AFFIDABBLI

2.2.2 ŻVILUPP TA' GĦODOD U METODI GĦALL-INTEGRAZZJONI TAS-SESSI

2.2.3 ĠBIR, DOKUMENTAZZJONI U TIXRID TAL-AQWA PRASSI

2.3 QASAM FOKALI 3: OQSMA TEMATIĊI JEW TA' PRIJORITÀ

2.3.1 INDIĊI TAL-UE TAL-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

2.4 QASAM FOKALI 4: TQAJJIM TAS-SENSIBILIZZAZZJONI, NETWERKING U KOMUNIKAZZJONI

2.4.1 INFORMAZZJONI INIZJALI DWAR L-ISTITUT GĦAĊ-ĊITTADINI TAL-UE U D-DIVERSI GRUPPI FIL-MIRA

2.4.2 ŻVILUPP TA' INFORMAZZJONI AFFIDABBLI U KOMPRENSIVA

2.4.3 TKISSIR TA' STERJOTIPI BBAŻATI FUQ IS-SESSI

2.5 QASAM FOKALI 5: DJALOGU U SĦUBIJA

2.5.1 STABBILIMENT TAN-NETWERK EWROPEW GĦALL-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

2.5.2 PARTIJIET INTERESSATI U MSIEĦBA

3 SOMMARJU TAR-RIŻORSI UMANI U FINANZJARJI

4 PJAN TA' STABBILIMENT

5 MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

5.1 MONITORAĠĠ TAL-IMPLIMENTAZZJONI

5.2 RAPPORT ANNWALI

# IL-MISSJONI U L-FOKUS TAL-EIGE GĦALL-2010

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija kemm dritt fundamentali kif ukoll prinċipju komuni tal-Unjoni Ewropea. 'Il-ġlieda kontra l-inugwaljanzi pesristenti fl-oqsma kollha tas-soċjetà hija sfida fuq perjodu ta' żmien fit-tul, minħabba li din tinvolvi tibdil strutturali u fl-imġiba u ridefinizzjoni tal-irwoli tan-nisa u l-irġiel. Iż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol hija żvilupp pożittiv, li jirrappreżenta kontribuzzjoni importanti għat-tkabbir ekonomiku fl-UE, li jammonta għal kwart tat-tkabbir ekonomiku annwali mill-1995. … Għadhom jeżistu diskrepanzi bejn is-sessi fir-rigward tar-rati tal-impjiegi, ħlas, sigħat ta' xogħol, karigi ta' responsabilità, il-kondiviżjoni tal-kura u x-xogħol tad-dar, u r-riskju tal-faqar[6]. Studji juru li l-ugwaljanza bejn is-sessi tista' tkun fattur produttiv u l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol għandha ħafna benefiċċji ekonomiċi u soċjali. L-investiment f'politiki ta' ugwaljanza bejn is-sessi jissarraf f'termini ta' rati ogħla ta' impjiegi għan-nisa, il-kontribuzzjoni tan-nisa għall-PDG, dħul minn taxxi u rati sostenibbli ta' fertilità.

L-Istitut iqis li l-għoti ta' iktar setgħa lin-nisa u l-awtonomija finanzjarja tan-nisa hija kompiti importanti— kif ukoll iż-żieda fil-viżibilità tal-kontribuzzjoni tan-nisa għat-tkabbir ekonomiku, kif ukoll l-għoti tas-setgħa u l-awtonomija tal-irġiel għall-ħajja individwali u tal-familja — kif ukoll iż-żieda fil-viżibilità tal-kontribut tal-irġiel għall-iżvilupp ta' ġenerazzjonijiet futuri. Għall-Istitut dan jinvolvi l-ġbir u t-tixrid tal-informazzjoni u prassi tajba dwar, fost affarijiet oħrajn, l-għoti tas-setgħa, il-parteċipazzjoni ugwali fit-teħid tad-deċiżjonijiet kif ukoll fil-kura u x-xogħol tad-dar u l-ġlieda kontra l-faqar u d-diskriminazzjoni fuq bażi tas-sessi.

## 1.1 OBJETTIVI ĠENERALI

L-**objettivi ġenerali** (jew effetti fuq perjodu ta' żmien twil) tal-ħidma tal-EIGE (livell ta' impatt tal-għanijiet) huma ddefiniti fir-Regolament kif ġej:

*Li jikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza tas-sessi u li jsaħħaħha, inkluż l-integrazzjoni tas-sessi fil-Politika Komunitarja kollha u fil-politika nazzjonali li toħroġ minnha, u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess u t-tqajjim tal-kuxjenza taċ-ċittadini tal-UE dwar l-ugwaljanza tas-sessi.*

## 1.2 OQSMA FOKALI GĦALL-2010

Matul l-2010, l-attivitajiet tal-EIGE sejrin jimmiraw li jiżguraw il-kompletar mgħaġġel tal-fażi tal-istabbiliment tal-aġenzija u l-bidu tal-attivitajiet operattivi tagħha.

(i) Minbarra li jiffinalizzaw il-miri ta' mili ta' karigi battala u l-iżviluppar tad-dokumenti kollha ewlenin tal-EIGE, l-attivitajiet li jiffukaw fuq **l-istabbiliment amministrattiv u operattiv tal-Istitut** sejrin jinkludu l-ħolqien tal-kundizzjonijiet għall-operazzjoni mingħajr xkiel tal-aġenzija fil-kwartieri ġenerali permanenti tagħha. Ħidma fuq il-**korpi tal-EIGE** sejra tinvolvi l-organizzazzjoni tar-rotazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija u l-bidu tal-mandat tiegħu kif ukoll il-kompletar tal-istabbiliment tal-Forum tal-Esperti.

(ii) **L-appoġġ għall-ħidma politika tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri** sejjer jikkostittwixxi t-tieni qasam fokali għas-sena li ġejja. Sejjer isir studju dwar il-ħtiġijiet u n-nuqqasijiet u tfassil ta' mudelli u approċċi eżistentigħall-integrazzjoni tal-ġeneru. Sejra tibda wkoll ħidma mal-indikaturi ta' Beijing, b'mod

[6] Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel — 2010, punt 2.1.

partikolari bit-tixrid tal-informazzjoni dwar l-użu ta' indikaturi eżistenti u sejra tibda tingħata wkoll għajnuna lill-Presidenzi tal-UE biex ikomplu jiżviluppaw indikaturi fl-oqsma li jifdal. L-EIGE sejjer jagħmel ħiltu wkoll biex jgħin lill-Presidenzi f'oqsma oħra.

(iii) **Oqsma tematiċi jew ta' prijorità** identifikati bħala importanti għall-ħidma fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi sejrin jibdew b'analiżi tas-sitwazzjoni preżenti tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Ewropa. Fuq il-bażi tal-indikaturi ta' Beijing u indikaturi oħra miftiehma, sejjer jiġi żviluppat Indiċi Ewropew tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi bħala kunċett għal approċċ usa u iktar kumpless għal inugwaljanzi eżistenti u sejra tibqa' għaddeja il-ħidma fuq l-iżvilupp ta' indikaturi komuni għall-valutazzjoni tal-proċess tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.

(iv) **It-tqajjim tas-sensibilizzazzjoni, in-netwerking u l-komunikazzjoni** sejrin jikkostittwixxu r-raba' qasam fokali li għandu l-għan li jqajjem is-sensibilizzazzjoni inizjali dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-Istitut f'livelli varji. Biex timmarka l-bidu tal-operazzjoni tal-EIGE, sejra ssir kompetizzjoni għal logo u l-logo rebbieħ sejjer jiġi ppreżentat formalment matul l-avveniment uffiċjali tal-ftuħ. Importanti huwa l-fatt li sejra tiġi żviluppata strateġija ta' komunikazzjoni esterna biex tgħin lill-partijiet interessati u lill-ġurnalisti jifhmu l-kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Fir-rigward tal-ġlieda kontra sterjotepi bbażati fuq is-sessi, il-ħidma sejra tibda billi ssir analiżi tal-effetti ta' sterjotipi bbażati fuq is-sessi fis-sitwazzjoni preżenti tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Ewropa. Sejjer isir studju dwar in-normi u l-mudelli kulturali li, kuntrarjament għal-liġi Internazzjonali, Ewropea u tal-Istati Membri, għadhom 'jorbtu' lill-mara mar-riproduzzjoni u lill-irġiel mal-ħajja pubblika u sejrin jitressqu l-aqwa prassi dwar miżuri konkreti sabiex jitkissru dawn l-isterjotipi. Biex jgħinu lill-Istitut f'din il-ħidma sejra tiġi stabbilita *task force* magħmula minn ġurnalisti u esperti fil-qasam tal-midja/komunikazzjoni u sejjer jiġi stabbilit grupp ta' riżorsi taż-żgħażagħ.

(v) **Djalogu u sħubija** sejrin jiġu żviluppati f'kuntatt ma' netwerks eżistenti u f'kooperazzjoni mal-partijiet interessati ewlenin. L-attivitajiet f'dan il-qasam fokali sejrin jagħtu momentum lill-istabbiliment tan-Netwerk Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.

## 1.3 APPROĊĊ U METODI TA' IMPLIMENTAZZJONI

Il-Programm ta' Ħidma, li jagħti kont ta' u jagħmel monitoraġġ tal-operazzjonijiet u l-attivitajiet tal-Istitut, huwa mibni fuq il-metodu aċċettat b'mod universali ta' Immaniġġjar Ibbażat fuq ir-Riżultati (RBM).

Biex isir monitoraġġ tal-progress, sejrin jiġu żviluppati indikaturi fil-livelli kollha li d-data fil-linja bażi tagħhom sejra tkun stabbilita matul l-ewwel sena ta' ħidma tal-Istitut.

Matul l-ewwel ftit snin tal-operazzjonijiet tiegħu, b'mod partikolari meta jkun reklutat il-persunal il-ġdid tiegħu, l-EIGE sejjer janalizza r-riskji possibbli kollha u sejjer jiżviluppa sistema ta' mmaniġġjar effettiv tar-riskju li għandha tkun integrata fl-Istandards ta' Kontroll Intern.

F'konformità mar-Regolament, l-Istitut għandu jwettaq il-kompiti tiegħu fi ħdan il-kompetenzi tal-UE u fid-dawl tal-objettivi adottati u l-oqsma ta' prijorità identifikati fil-programm annwali tiegħu. Il-programm ta' ħidma tal-Istitut għandu jkun f'konformità mal-prijoritajiet tal-UE fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni, inkluż il-ħidma tagħha fl-istatistika u r-riċerka.

Biex jinkisbu r-riżultati u l-effetti (riżultati fuq perjodu ta' żmien medju u immedjat) timijiet tal-EIGE jkunu marbuta, operattivament, mal-attivitajiet ta' timijiet oħrajn tal-EIGE (internament permezz ta' attivitajiet u proġetti varji), u għalhekk jikkontribwixxu għal riżultati konġunti u jrawwmu ambjent komuni ta' tagħlim.

# 2 PROGRAMM TA' ĦIDMA 2010

Dan il-Programm ta' Ħidma jiddeskrivi l-attivitajiet għall-2010 u r-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa biex dawn jiġu implimentati. L-objettivi fuq perjodu ta' żmien twil u medju (objettivi f'livell ta' impatt u riżultat) sejrin jikkostittwixxu l-istruttura tal-programm pluriennali tal-Istitut.

Biex jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi ġenerali tiegħu, l-Istitut sejjer jorganizza l-ħidma tiegħu madwar l-oqsma ta' attività definiti, li jħallu effett (riżultati immedjati) u għalhekk jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi f'livell ta' riżultati (riżultati fuq perjodu ta' żmien medju).

## 2.1 QASAM FOKALI 1: STRUTTURA ISTITUZZJONALI TAL-ISTITUT

Għas-sena 2010, dan il-qasam huwa tal-ogħla prijorità għall-EIGE minħabba li joħloq il-prekundizzjonijiet kollha għall-ħidma futura tiegħu. Huwa sejjer ikun lest sal-2011, meta l-persunal kollu jkun reklutat, id-dokumenti amministrattivi u interni jkunu ġew żviluppati u adottati, il-korpi u n-netwerks kollha jkunu funzjonabbli u l-Istitut jkun sar viżibbli bħala ċentru Ewropew għall-ugwaljanza bejn is-sessi, li jiżviluppa u juża l-metodi u l-għodod meħtieġa u jxerred l-aqwa prassi.

Matul l-2010, dan il-qasam sejjer ikun jikkonsisti minn għadd ta' attivitajiet kif stabbiliti hawn taħt.

### 2.1.1 ŻGURAR TAL-INDIPENDENZA AMMINISTRATTIVA U FINANZJARJA

*Riżultati tal-attività*: **Il-kundizzjonijiet ewlenin stabbiliti għall-funzjonament sħiħ tal-Istitut**

Miżuri f'din l-attività jinkludu l-iżvilupp tal-Istitut u l-ħolqien tad-dokumenti amministrattivi u operattivi kollha li jibqa', ir-Regoli Interni, il-Programm ta' Ħidma għall-2010 u l-Programm ta' Ħidma fuq perjodu ta' żmien medju, politiki u strateġiji interni, inkluż id-dispożizzjonijiet implimentattivi li jifdal tar-Regolamenti tal-Persunal. Ir-reklutaġġ għall-karigi li fadal — skont il-pjan ta' stabbiliment tal-2009 — ser ikun finalizzat. In-numru komplet tal-persunal għall-2010 huwa mistenni li jkun fis-seħħ sa tmiem is-sena. Sejjer isir taħriġ u titjib fil-kompetenza għall-persunal, b'mod partikolari fl-oqsma tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ħidma u l-funzjonament tal-korpi tal-Unjoni Ewropea.

Din l-attività sejra tiffinalizza l-bqija tal-proċeduri biex tiżgura l-indipendenza sħiħa, jiġifieri approvazzjoni tal-baġit annwali, reklutaġġ tal-uffiċjal tal-kontabilità u l-installazzjoni tas-sistemi finanzjarji meħtieġa tal-kontabilità. Hija sejra tinkorpora wkoll ir-relazzjonijiet mal-pajjiż ospitanti, id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tas-Sede, u l-iżvilupp ta' proċeduri addizzjonali għall-implimentazzjoni ta' kundizzjonijiet li jiżguraw il-funzjonament mingħajr xkiel tal-Istitut. It-tagħmir tal-bini, inkluż l-akkwist u l-installazzjoni tal-apparat, sejrin jiġu ffinalizzati wkoll.

Biex tinħoloq id-data fil-linja bażi għall-evalwazzjoni futura tal-impatt tal-attivitajiet tal-EIGE, fil-bidu tal-2010, sejra tiġi kkummissjonata evalwazzjoni ex-ante.

Fil-jum tal-indipendenza amministrattiva u finanzjarja sħiħa tiegħu, l-EIGE qiegħed jippjana avveniment ta' ftuħ uffiċjali li għandu jservi bħala attività importanti ta' tqajjim ts-sensibilizzazzjoni. Il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni, l-Istati Membri, il-Kunsill tal-Ewropa u partijiet interessati rilevanti oħrajn sejrin jiġu mistiedna biex jiċċelebraw il-bidu uffiċjali tal-ħidma tal-EIGE.

*Indikaturi tar-riżultati:* Ir-Regoli Interni tal-EIGE adottati mill-Bord tat-Tmexxija sat-tieni kwart tal-2010; Programm ta' Ħidma Annwali għall-2010 adottat sal-ewwel kwart tal-2010; Programm ta' Ħidma ta' Nofs il-Mandat għall-2010-2012 adottat sal-ewwel tliet xhur tal-2010; Dispożizzjonijiet Implimentattivi li jkun għad baqa' għar-Regolamenti tal-Persunal adottati sar-raba' kwart tal-2010; sistema ICS fis-seħħ sa Ottubru 2010; iffajlar amministrattiv u sistema ta' arkivjar żviluppata u funzjonabbli sat-tieni kwart tal-2010; intranet u sit elettroniku operattivi sat-tielet kwart tal-2010; installazzjoni tal-persunal reklutat fl-2009 sat-tieni kwart tal-2010; pjan ta' stabbiliment tal-2010 komplet sat-tielet kwart tal-2010; Uffiċjal tal-Kontabilità maħtur mill-Bord tat-Tmexxija u reklutat sa tmiem l-ewwel kwart tal-2010; kont tal-EIGE

miftuħ sat-tieni kwart tal-2010; STesta line u ABAC operattivi sat-tieni kwart tal-2010; l-uffiċċji li baqa' jiġu mgħammra bl-apparat sat-tieni kwart tal-2010; ir-relazzjonijiet u l-proċedura ta' kooperazzjoni mal-pajjiż ospitanti jkunu funzjonabbli bis-sħiħ sa tmiem l-2010; evalwazzjoni ex-ante kkummissjonata sat-tieni kwart tal-2010.

### 2.1.2 Korpi tal-EIGE

*Riżultat tal-attività*: **Korpi tal-aġenzija operattivi b'mod sħiħ sa tmiem l-2010**

**Il-Bord tat-Tmexxija**

Din l-attività sejra tinkludi l-organizzazzjoni tal-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija u sejra tkopri l-ispejjeż ta' interpretazzjoni relatati. F'Mejju 2010, sejra ssir rotazzjoni tal-Istati Membri u l-Bord sejjer jibda l-mandat il-ġdid tiegħu billi jeleġġi lill-President u lill-Viċi-President tal-Bord tat-Tmexxija.

**Forum tal-Esperti**

Il-Forum tal-Esperti, stabbilit f'Diċembru 2009, sejjer iniedi l-ewwel żewġ gruppi ta' ħidma u sejjer jiżviluppa l-metodi ta' xogħol u l-mezzi ta' għoti ta' pariri dwar oqsma għar-riċerka futura, studji u studji ta' fattibilità. Sejra tibda l-ħidma wkoll fuq l-identifikazzjoni ta' kanali tajba għat-tixrid tal-informazzjoni lill-Istati Membri kollha, lill-imsieħba soċjali u lil imsieħba oħrajn involuti. Sejjer jiġi determinat ukoll l-involviment tal-Forum tal-Esperti f'kampanji, f'*round tables* u f'*seminars* matul l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma fuq perjodu ta' żmien medju.

*Indikaturi tar-riżultati:* Bord tat-Tmexxija Ġdid li jiffunzjona sa tmiem it-tieni kwart tal-2010; l-irwol tal-Forum tal-Esperti fil-ġbir u t-tixrid tal-informazzjoni definit sa tmiem it-tieni kwart tal-2010; tnejn mill-ewwel gruppi ta' ħidma stabbiliti sat-tielet kwart tal-2010; deċiżjoni dwar studju jew riċerka rilevanti meħuda sa tmiem it-tielet kwart tal-2010.

**Riżorsi umani (2010)**

Qasam fokali 1: Stabbiliment amministrattiv tal-Istitut

| Aġenti temporanji AD | Aġenti temporanji AST | SNE[7] | Aġenti b'kuntratt CA | Total tal-persunal | % | Baġit Titlu 1 'PERSUNAL' |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 5 | 3 | | 3.25 | 11.25 | 33% | 970000 |

## 2.2 Qasam fokali 2: Appoġġ lir-riċerka u l-ħidma ta' politika tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri

### 2.2.1 Żvilupp ta' dejta, statistika u indikaturi affidabbli

*Riżultati tal-attività:* **Xi kundizzjonijiet bażiċi maħluqa għax-xogħol b'dejta u indikaturi affidabbli**

Matul l-2010, l-EIGE sejjer jibda ħidma preparatorja għall-ġbir ta' dejta, informazzjoni u statistika eżistenti. Sejjer jibda wkoll il-ġbir ta' informazzjoni dwar riċerka soċjali eżistenti relatata mas-sessi. Sejrin jiġu stabbiliti kuntatti mal-Eurostat u mal-istituzzjonijiet ta' riċerka u akkademiċi l-oħra kollha rilevanti u

---

7 Espert Nazzjonali Ssekondat

sejrin jiġu diskussi forom ta' kooperazzjoni. Biex tiġi evitata d-duplikazzjoni, sejrin isiru diskussjonijiet inizjali mal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib u l-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, l-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, iċ-Ċentru għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali.

L-Istitut sejjer jipprovdi appoġġ tekniku lill-Kunsill fis-segwitu tal-Pjattaforma ta' Beijing għall-Azzjoni u b'mod iktar partikolari fit-tixrid u fl-aġġornament tal-indikaturi. L-ewwel pass tal-Istitut sejjer ikun li jiżgura l-viżibilità tal-indikaturi permezz tas-sit elettroniku tiegħu, jippreżenta analiżi tas-sorsi ta' dejta eżistenti u jaġġorna progressivament id-dejta għall-indikaturi (meta jkun fattibbli).

Matul l-2010, l-EIGE sejjer imexxi reviżjoni tal-indikaturi eżistenti adottati preċedentament mill-Kunsill u statistika eżistenti, biex jagħti pariri dwar l-aġġornament u t-titjib ta' indikaturi eżistenti, li sejra tinbeda permezz ta' reviżjoni ta' indikaturi tal-passat (bi ħlas ugwali) mal-Presidenza Belġjana fl-2010. L-EIGE sejjer jibda diskussjonijiet u sejjer jippjana appoġġ lill-Presidenzi bil-għan li jipparteċipa fl-iżvilupp ta' indikaturi u informazzjoni għall-*benchmarking*.

*Indikaturi tar-riżultati:* Forom u oqsma ta' kooperazzjoni mal-Eurostat u d-DĠ EMPL determinati sa tmiem it-tieni kwart tal-2010; reviżjoni tal-informazzjoni u statistika eżistenti mnedija sa tmiem it-tieni kwart tal-2010; studju dwar il-ħtiġijiet u d-diffikultajiet tal-implimentazzjoni sa tmiem l-2010; metodi ta' ħidma mal-indikaturi ta' Beijing imfassla sa tmiem it-tielet kwart tal-2010; grupp ta' ħidma dwar l-indikaturi ta' Beijing stabbilit sa tmiem it-tieni kwart tal-2010; l-ewwel informazzjoni dwar indikaturi eżistenti ta' Beijing ippubblikata fuq is-sit elettroniku sa tmiem ir-raba' kwart tal-2010; għajnuna lill-Presidenza Belġjana sa tmiem ir-raba' kwart tal-2010 u sussegwentament, lill-Presidenzi suċċessivi.

### 2.2.2 ŻVILUPP TA' GĦODOD U METODI TA' INTEGRAZZJONI TAS-SESSI

*Riżultat tal*-attività: **Bidu tal-ħidma bl-għodod u l-metodi**

Wara l-konklużjonijiet tal-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur (EPSCO)[8], li tkellmu favur approċċ sistematiku għall-istrateġija tal-integrazzjoni tas-sessi — inkluż b'mod partikolari l-applikazzjoni effettiva ta' valutazzjoni tal-impatt tal-ugwaljanza bejn is-sessi tal-politiki, l-iżvilupp tal-istatistika analizzata skont is-sessi, l-użu tal-indikaturi għall-kejl tal-progress u programmi ta' taħriġ biex jiżviluppaw l-għarfien espert fuq is-sessi—l-EIGE sejjer jibda l-ħidma tiegħu hawn fuq għadd ta' fronti. Huwa sejjer jagħmel studju dwar il-ħtiġijiet u d-diffikultajiet tal-eżerċizzju u approċċi eżistenti ta' suċċess kif ukoll dwar l-għodod biex issir integrazzjoni tal-perspettiva tan-nisa u l-irġiel li jintużaw mill-korpi tal-UE, l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. L-ewwel l-aqwa prassi sejrin jiġu ppreżentati lill-partijiet interessati f'seminar ta' informazzjoni fi Brussell għall-Kummissjoni, għall-Istati Membri, għall-Parlament Ewropew u għal organizzazzjonijiet oħrajn interessati f'Diċembru 2010. Biex jappoġġjaw lill-Presidenzi fl-isforzi tagħhom biex jagħmlu integrazzjoni tal-perspettiva tas-sessi matul l-Istrateġija ta' Europe 2020, l-EIGE sejjer jgħin fl-iżvilupp tal-indikaturi neċessarji u tal-informazzjoni għall-*benchmarking*.

Sinerġiji fl-iżvilupp tal-metodi, l-għodod u l-manwali sejrin jiġu diskussi wkoll mal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, l-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali.

*Indikaturi tar-riżultati*: studju dwar il-metodi u l-għodod eżistenti mniedi sat-tieni kwart tal-2010, l-ewwel sejbiet ippreżentati lill-partijiet interessati sa tmiem l-2010; diskussjonijiet mal-Presidenzi mnedija sa tmiem it-tieni kwart tal-2010; azzjonijiet komuni identifikati mal-aġenziji sa tmiem Diċembru 2010.

[8] Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi: insaħħu t-tkabbir u l-impjiegi – kontribut għall-Istrateġija ta' Lisbona post-2010. L-2980 laqgħa tal-Kunsill IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA U AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR, Brussell, 30 ta' Novembru 2009

### 2.2.3 ĠBIR, DOKUMENTAZZJONI U TIXRID TAL-AQWA PRASSI

*Riżultati tal-attività*: **Kundizzjonijiet bażiċi maħluqa għall-ġbir, dokumentazzjoni u l-kondiviżjoni tal-aqwa prassi**

Matul l-2010, sejrin jittieħdu l-ewwel passi biex ir-riżorsi ta' dokumentazzjoni jsiru aċċessibbli għall-pubbliku. Inventarju tar-riċerka disponibbli fl-Ewropa u ġabra tal-aqwa prassi tal-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali sejrin jiġu mnedija mill-Istitut. Ser tinbeda ħidma fuq l-identifikazzjoni tal-iktar metodi ta' ħidma effiċjenti u t-tfassil ta' qafas tekniku għall-istabbiliment ta' *database* ta' riżorsi elettroniċi *online*, ċentru tad-dokumentazzjoni għall-aqwa prassi nazzjonali u librerija ta' materjal disponibbli dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi (b'mod partikolari għall-hekk imsejħa '*grey literature*').

Sejjer isir kuntatt ma' korpi nazzjonali ta' riċerka u universitajiet għal kooperazzjoni effettiva u skambju fil-futur. Sejra tiġi stabbilita kooperazzjoni fuq it-tixrid tal-materjal u l-informazzjoni rilevanti mal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib fil-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, l-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, iċ-Ċentru għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali .

*Indikaturi tar-riżultati:* inventarju tar-riċerka eżistenti mniedi sa tmiem it-tielet kwart tal-2010; l-ewwel l-aqwa prassi miġbura f'oqsma magħżula sa nofs it-tielet kwart tal-2010, sistemi ta' dokumentar tal-aqwa prassi aċċessibbli għall-pubbliku f'Vilnius sa tmiem ir-raba' kwart tal-2010; l-ewwel diskussjonijiet fuq l-oqsma ta' riċerka sa tmiem ir-raba' kwart tal-2010; *hardware* u *software* għaċ-ċentru ta' riżorsi elettroniċi *online* akkwistati sa nofs it-tielet kwart tal-2010; l-ewwel materjal tal-librerija miftuħa għall-pubbliku sa tmiem ir-raba' kwart tal-2010; deċiżjonijiet dwar it-tixrid tal-aqwa prassi permezz tal-aġenziji meħuda sa tmiem it-tielet kwart tal-2010; kuntatti stabbiliti ma' mill-inqas 27 korpi ta' riċerka nazzjonali sa tmiem l-2010.

**RIŻORSI UMANI (2010)**

Qasam fokali 2: Appoġġ lir-riċerka u lill-ħidma politika tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri

| Aġenti temporanji AD | Aġenti temporanji AST | SNE | Aġenti b'kuntratt CA | Totali | % | Baġit Titlu 1 'PERSUNAL' |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 4.25 | 2.75 | 1 | 1 | 9 | 26% | 590 000 |

## 2.3 QASAM FOKALI 3: OQSMA TEMATIĊI JEW TA' PRIJORITÀ

### 2.3.1 INDIĊI TAL-UE TAL-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

*Riżultat tal-attività*: **Żvilupp ta' struttura bażika għall-Indiċi tal-UE tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi**

Matul is-sena 2010, f'ħidma b'kooperazzjoni mad-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Indaqs u mal-Eurostat, l-Istitut sejjer ikompli jiżviluppa kunċett għall-Indiċi tal-UE tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi fuq il-bażi tal-indikaturi mġedda ta' Beijing u indikaturi oħrajn li sar qbil fuqhom bil-għan li ssir valutazzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kemm fil-ħajja pubblika kif ukoll fil-ħajja tal-familja fl-Istati Membri tal-UE.

Fil-bidu tas-sena, sejjer jiġi stabbilit grupp ta' ħidma biex jgħin lill-Istitut fil-ħidma tiegħu. Matul is-sena 2010, l-EIGE sejjer jibda ħidma preparatorja fuq l-Indiċi, billi juża l-esperjenza ta' indiċijiet nazzjonali eżistenti, janalizza u jiddiskuti l-komponenti tagħhom u jimmodifikahom fejn/kif meqjus meħtieġ. Sorsi ta' dejta eżistenti u futuri għall-aġġornament tal-indiċi sejrin jiġu ntraċċati u analizzati wkoll.

*Indikaturi tar-riżultati*: Grupp ta' ħidma dwar l-UE GEI stabbilit sa tmiem it-tieni kwart tal-2010; intraċċar tas-sorsi ta' dejta eżistenti u futuri mnedija sat-tielet kwart tal-2010; qafas għall-ħidma futura dwar l-UE GEI żviluppat sa tmiem l-2010.

**RIŻORSI UMANI (2010)**

Qasam fokali 3: Oqsma tematiċi jew ta' prijorità

| Aġenti temporanji AD | Aġenti temporanji AST | SNE | Aġenti b'kuntratt CA | Totali | % | Baġit Titlu 1 'PERSUNAL' |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 3.5 | 0.75 | 1 | 0.75 | 6 | 18% | 350000 |

## 2.4 QASAM FOKALI 4: TQAJJIMTAS-SENSIBILIZZAZZJONI, NETWERKING U KOMUNIKAZZJONI

### 2.4.1 INFORMAZZJONI INIZJALI DWAR L-ISTITUT GĦAĊ-ĊITTADINI TAL-UE U D-DIVERSI GRUPPI FIL-MIRA

*Riżultat tal*-attività: **Ċittadini tal-UE konxji tal-missjoni u l-ħidma tal-Istitut**

#### 2.4.1.1 Żvilupp ta' strateġija ta' komunikazzjoni

Matul l-2010, l-Istitut sejjer jiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni mifruxa fuq perjodu ta' żmien twil li, bil-għan ta' aċċessibilità ġeneralizzata f'moħħu, tippreżenta miżuri dettaljati ppjanati għat-tqajjim tas-sensibilizzazzjoni, in-netwerking u l-attivitajiet ta' komunikazzjoni esternament, lill-partijiet interessati u lill-utenti kollha, u internament, lill-persunal. Sejrin jitfittxew u jiġu identifikati mezzi u kanali ta' komunikazzjoni mfassla biex jilħqu lill-Istati Membri bl-iktar mod effettiv possibbli, pereżempju permezz ta' rappreżentazzjonijiet tal-KE u tal-PE fl-Istati Membri.

(i) Il-komponent tal-komunikazzjoni esterna tal-istrateġija sejjer jiddefinixxi lill-gruppi ta' mira, jidentifika l-ħtiġijiet u l-interessi tal-gruppi magħżula, jaġġusta l-metodi tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, jagħżel il-kanali ta' komunikazzjoni u jipproċessa l-kummenti għal iktar tagħlim. Sejjer jibda wkoll jippjana l-kuntatti mal-partijiet interessati u l-forom ta' netwerking biex isaħħaħ il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-iskambju tal-aqwa prassi.

Parti integrali tal-funzjonijiet tal-komunikazzjoni esterna sejrin ikunu li jiżguraw li — sa mill-bidu nett — l-Istitut jiġġenera preżenza medjatika dinamika *online*.

(ii) Il-parti interna tal-istrateġija sejra sservi bħala linji gwida interni sabiex tgħin lill-persunal fil-proċess tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet ippjanati, tiddefinixxi s-sejbiet li għandhom jiġu kkomunikati, tifformula l-messaġġ u tagħżel il-kanali ta' komunikazzjoni.

F'Settembru 2010, l-Istitut sejjer jipprova jkun preżenti fil-wirja li tippreżenta lill-aġenziji kollha li sejra ssir fil-Parlament Ewropew.

#### 2.4.1.2 Kompetizzjoni Ewropea għal-logo tal-EIGE

Kompetizzjoni biex jintgħażel il-logo tal-Istitut sejra tkun l-ewwel kampanja tal-EIGE li ma għandhiex fil-mira lill-kumpaniji professjonali tad-disinn iżda liċ-ċittadini Ewropej, u b'mod partikolari lill-artisti, studenti u żgħażagħ. Il-kontestanti jkunu jistgħu jittestjaw it-talent artistiku tagħhom flimkien mal-viżjoni tagħhom għal dinja b'bilanċ bejn is-sessi billi jqiegħdu fi kliem (slogan) jew fi stampa (logo) il-valuri li jirrappreżentaw l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Ewropa. Il-kompetizzjoni sejra tippreżenta lill-Istitut bħala ċentru Ewropew għall-ħidma fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi, tqajjim tas-sensibilizzazzjoni fuq il-kwistjonijiet li għandhom jiġu ttrattati mill-Istitut u tinkoraġġixxi lin-nies biex joħolqu simbolu dinamiku u li jagħmel sens għall-Istitut.

Il-logo sejjer jintuża fuq il-kartolerija, il-fuljetti u materjal ieħor kollaterali tal-EIGE inkluż materjal awdjoviżiv, kemm fuq sinjali kif ukoll fuq il-web.

Il-kompetizzjoni hija skedata sabiex tibda fil-bidu tas-sena u li tispiċċa matul ir-rebbiegħa tal-2010. Id-disinjatur tal-logo rebbieħ sejjer ikun mistieden biex jattendi għall-avveniment tal-ftuħ tal-EIGE, li matulu sejjer jitnieda l-logo.

*Indikaturi tar-riżultati:* Strateġija ta' komunikazzjoni żviluppata sa tmiem l-2010; il-komunikazzjoni interna integrata fil-Programm ta' Ħidma sa tmiem it-tieni kwart tal-2010; l-ewwel forom ta' netwerking stabbiliti sa tmiem it-tieni kwart tal-2010; għadd ta' kompetituri; għadd ta' stqarrijiet għall-istampa fuq il-kompetizzjoni tal-logo; tnedija uffiċjali tal-logo sa tmiem it-tieni kwart tal-2010.

### 2.4.2 ŻVILUPP TA' INFORMAZZJONI AFFIDABBLI U KOMPRENSIVA

*Riżultat tal-attività*: **Jiġu żviluppati għodod bażiċi għal informazzjoni komprensiva dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi**

Żvilupp tas-sit elettroniku tal-EIGE

Mill-bidu nett tal-2010, l-EIGE sejjer jagħmel ħiltu biex jiddisinja l-qafas bażiku u jiżviluppa s-sistemi tekniċi għal sit elettroniku, li għandhom ikunu mfassla skont il-ħtiġijiet tad-diversi gruppi fil-mira. Il-qafas bażiku sejjer jinkludi forom għaċ-chats (taħdit) u dibattiti mal-utenti u forom għall-ġbir tal-*feedback*. Sa tmiem is-sena, sejrin jinħolqu l-ewwel messaġġi bil-vidjo dwar l-Istitut, l-irwol u l-mandat tiegħu għal NGOs diversi u utenti oħrajn. Sejra tibda ħidma fuq il-ħolqien ta' sistemi li jiġbru u jagħmlu l-informazzjoni elettronika disponibbli, bħal stqarrijiet għall-istampa, monitoraġġ tal-midja ta' *clippings*, qarrejja tal-web. Is-sit elettroniku sejjer ikun aġġornat regolarment b'*features* u b'karatteristiċi tekniċi ġodda.

*Indikaturi tar-riżultati*: sit elettroniku preliminari mniedi fis-sena u l-qafas finali tas-sit elettroniku żviluppat sa tmiem l-2010; proporzjon tal-abbonati tal-ġurnal elettroniku sa tmiem l-2010; numru totali fix-xahar ta' klikks għal kull xahar sa tmiem l-2010; numru totali fix-xahar ta' impressjonijiet għal kull xahar sa tmiem l-2010; numru totali annwali ta' dokumenti mniżżlin sa tmiem l-2010; total annwali ta' tniżżil ta' stqarrijiet għall-istampa għat-taqsima tal-aħbarijiet sa tmiem l-2010; l-ewwel messaġġi bil-vidjo żviluppati sa nofs it-tielet kwart tal-2010; *round table* dwar l-istrateġija l-ġdida tal-Kummissjoni sa tmiem l-2010.

### 2.4.3 TKISSIR TA' STERJOTIPI BBAŻATI FUQ IS-SESSI

*Riżultati tal*-attività: **L-EIGE sejjer jibda jiżviluppa mudelli ta' tkissir ta' sterjotipi bbażati fuq is-sessi**

#### 2.4.3.1 Stabbiliment ta' gruppi ta' riżorsi

L-attività sejra tibda billi tinġabar *task force* ta' ġurnalisti u esperti tal-*media*/komunikazzjonijiet biex isaħħaħ l-impatt tal-isforzi tal-komunikazzjoni tal-Istitut. It-*task force* sejra tipprovdi konsulenza lill-EIGE u lit-tim ta' komunikazzjoni dwar l-aqwa mod għat-tixrid ta' informazzjoni u għall-bidu ta' dibattiti dwar kwistjonijiet partikolari fi Stati Membri. L-esperti fil-grupp sejrin jintalbu wkoll biex jagħtu konsulenza lill-EIGE fl-iżvilupp ta' approċċi mfassla skont il-ħtiġijiet tal-pajjiż għal avvenimenti ta' tqajjim tas-sensibilizzazzjoni li jkollhom fil-mira lil gruppi speċifiċi u lil Stati Membri individwali.

Sa tmiem is-sena, persuni magħrufa li jibnu l-opinjoni tan-nies sejrin jiġu mistiedna biex jipparteċipaw f' *round table* li sejra tippreżenta l-istrateġija l-ġdida tal-Kummissjoni għall-ugwaljanza bejn is-sessi.

#### 2.4.3.2. Iż-żgħażagħ fil-mira

Parti mill-ħidma tal-EIGE huwa li jiġbor fi ħdanu attività li tinfirex mal-UE mmirata lejn l-identifikazzjoni u t-tkissir ta' numru ta' sterjotipi bbażati fuq il-ġeneru. Meta tqis il-kumplessità tal-attività, b'mod partikolari fir-rigward tad-differenzi kulturali, soċjali u reliġjużi li jeżistu fl-Ewropa, grupp fil-mira wieħed, jiġifieri ż-żgħażagħ, sejjer jintgħażel għall-ewwel perjodu ta' nofs il-mandat.

Sabiex joħloq bidla sostenibbli u jkun kapaċi jqabbel s-similaritajiet u d-differenzi fost il-pajjiżi Ewropej, fl-2010 sejjer isir studju inizjali dwar normi u tendenzi kulturali, inkluż il-lingwa, u soċjali li jiddeterminaw il-kunċetti asimettriċi ta' 'rġiel' u 'nisa' u 'rwoli'/identitajiet ta' sessi fis-soċjetà, b'mod partikolari l-kunċett ta' ġuvintur żgħar u missirijiet żgħar fis-soċjetà. L-istudju sejjer jiffoka fuq żewġ pajjiżi u gradwalment sejjer jiġi mwessa' għall-Istati Membri l-oħra.

Matul ir-rebbiegħa tal-2010 sejjer jiġi stabbilit grupp ta' ħidma biex jgħin fl-ippjanar u l-monitoraġġ tal-ħidma.

L-attività nnifisha sejra tibda fuq skala iżgħar billi tagħżel grupp ta' żgħażagħ f'żewġ pajjiżi pilota għall-perjodu ta' ttestjar inizjali. Bl-għajnuna ta' korpi u istituzzjonijiet nazzjonali oħrajn rilevanti, jiġu identifikati żewġ gruppi ta' teenagers (bniet u subien) li jaġixxu bħala *gender attachés* futuri. Fil-bidu l-parteċipanti jingħataw informazzjoni dwar l-istudju ta' normi kulturali u soċjali li għandhom impatt fuq l-irwoli tas-sessi u flimkien mal-persunal tal-EIGE jiżviluppaw modi kif jikkontribwixxu għall-ġbir ta' osservazzjonijiet dwar in-normi u l-mudelli tas-soċjetà b'rabta mal-irwoli tan-nisa u l-irġiel. Fl-istess ħin, il-gruppi jkunu mħarrġa fuq il-bażi ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi u l-Unjoni Ewropea.

L-ewwel laqgħa ta' *feedback* sejra tkun ippjanata sa tmiem l-2010 sabiex jitqabblu s-sejbiet bejn iż-żewġ kulturi.

*Indikaturi tar-riżultati*: *task force* ta' ġurnalisti u esperti tal-midja/komunikazzjonijiet stabbilita sa tmiem it-tieni kwart tal-2010; għadd ta' parteċipanti fit-*task force*; għadd ta' avvenimenti ta' informazzjoni organizzati mit-*task force*; l-ewwel monitoraġġ tal-midja mniedi sa tmiem l-2010, grupp ta' ħidma dwar il-piloti stabbilit sa tmiem it-tieni kwart tal-2010; studju dwar in-normi u l-mudelli kulturali u soċjali mniedi sat-tielet kwart tal-2010; l-ewwel gruppi pilota jiltaqgħu sa tmiem it-tielet kwart tal-2010.

**RIŻORSI UMANI (2010)**

Qasam fokali 4: Tqajjim tas-sensibilizzazzjoni, netwerking u komunikazzjoni

| Aġenti temporanji AD | Aġenti temporanji AST | SNE | Aġenti b'kuntratt CA | Totali | % | Baġit Titlu 1 'PERSUNAL' |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1.75 | 1.25 | | 0.5 | 3.5 | 10% | 270 000 |

## 2.5. QASAM FOKALI 5: DJALOGU U SĦUBIJA

Din l-attività sejra tiffoka fuq l-istabbiliment ta' kooperazzjoni funzjonabbli ma' diversi partijiet interessati f'diversi livelli.

### 2.5.1 STABBILIMENT TAN-NETWERK EWROPEW GĦALL-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

*Riżultati tal-attività*: **Kundizzjonijiet maħluqa għal netwerk biex issir kondiviżjoni tal-kompetenza u l-esperjenza**

Din l-attività sejra tibda billi jsir studju tal-fattabbiltà dwar tipi effettivi ta' netwerks elettroniċi, li fuqu jkunu ddisinjati l-metodi tan-netwerk.

Sa tmiem Ġunju 2010 sejra tiġi stabbilita *task force* dwar netwerks utli u effettivi li sejra tgħin lill-EIGE fl-identifikazzjoni tal-kuntatt u l-kanali biex jintlaħqu l-organizzazzjonijiet u l-korpi rilevanti u modi kif jinġabar u jingħaqad flimkien l-għarfien.

Metodi għall-użu tan-netwerk u sabiex l-imsieħba tiegħu ixerrdu informazzjoni utli sejrin jiffurmaw parti mill-ħidma.

L-EIGE sejjer jagħmel użu mid-*database* tad-DĠ EMPL, mill-kanali ta' komunikazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija, mill-Forum tal-Esperti u diversi organizzazzjonijiet sabiex tilħaq il-membri potenzjali tan-netwerk.

*Indikaturi tar-riżultati:* studju ta' fattibbiltà dwar tipi effettivi ta' netwerk elettroniku mnedija sa tmiem it-tieni kwart tal-2010; *task force* tan-netwerk stabbilita sa tmiem it-tieni kwart tal-2010; l-ewwel inventarju

ta' membri potenzjali tan-netwerk imwettaq sa tmiem it-tielet kwart tal-2010; definizzjoni ta' għodod bażiċi tal-IT għan-netwerk elettroniku lesta sa tmiem it-tielet kwart tal-2010.

### 2.5.2 PARTIJIET INTERESSATI U MSIEĦBA

*Riżultati tal-attività:* **Tiġi stabbilita l-ewwel sħubija madwar l-Ewropa**

Għad-djalogu u r-relazzjoni ta' networking futuri, l-Istitut sejjer jistabbilixxi kuntatti mal-partijiet interessati ewlenin tiegħu. Il-kooperazzjoni sejra tkun miftiehma ma' (i) il-Parlament Ewopew il-ġdid u l-kumitati rilevanti tiegħu, (ii) il-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari DĠ EMPL, (iii) l-Istati Membri u korpi nazzjonali rilevanti. Forom ta' kooperazzjoni, azzjonijiet konġunti possibbli, avvenimenti u attivitajiet oħrajn sejrin jiġu diskussi u maħduma.

Sejrin jiġu organizzati seminars u laqgħat mal-Parlament Ewropew, u b'mod partikolari mal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, li matulhom sejra tiġi ppreżentata informazzjoni dwar il-progress fit-twettiq tal-Programm ta' Ħidma tal-EIGE u sejra tittieħed deċiżjoni fuq forom ta' kooperazzjoni.

Sejrin jiġu determinati u miftiehma forom konkreti ta' kooperazzjoni ma' aġenziji oħrajn tal-UE.

Fl-2010, sejjer jitnieda studju sabiex jiġu identifikati partijiet interessati u atturi f'livell Ewropew u atturi futuri f'pajjiżi terzi, li jidentifka wkoll l-interessi u l-ħtiġijiet tal-partijiet interessati individwali b'rabta ma' ħidma dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Bil-għan li jinġabru flimkien l-isforzi u l-għarfien għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, l-EIGE sejjer jistabbilixxi grupp ta' ħidma qabel tmiem l-2010 li sejjer ikun qiegħed jaħdem fuq l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' avvenimenti ikbar.

Għal informazzjoni regolari u tixrid ta' informazzjoni importanti, l-EIGE sejjer jiżviluppa ġurnal elettroniku u sejjer iqassmu lill-partijiet interessati u lill-imsieħba kollha.

*Indikaturi tar-riżultati:* ġurnal elettroniku maħluq sa tmiem l-2010; grupp ta' ħidma dwar il-koordinazzjoni bejn il-partijiet interessati stabbilit sa tmiem l-2010; identifikazzjoni tal-partijiet interessati u atturi mnedija sa tmiem it-tielet kwart tal-2010; seminars mal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fit-tieni u r-raba' kwart tal-2010; Memorandum ta' Fehim jew forom oħra ta' kooperazzjoni stabbiliti mal-partijiet interessati ewlenin sa tmiem it-tielet kwart tal-2010; pjanijiet ta' kooperazzjoni miftiehma mal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijeit tal-Ħajja u tax-Xogħol; l-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, iċ-Ċentru għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali sa tmiem it-tielet kwart tal-2010.

**Riżorsi Umani (2010)**

Qasam Fokali 5: Djalogu u sħubija

| Aġenti Temporanji AD | Aġenti Temporanji AST | SNE | Aġenti bil-kuntratt CA | Totali | % | Baġit Titlu 1 'PERSUNAL' |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1.5 | 1.25 | 1 | 0.5 | 4.25 | 13% | 240000 |

## 3. SOMMARJU TAR-RIŻORSI UMANI U FINANZJARJI

| ATTIVITAJIET | | | Abbozz preliminari tal-baġit 2010 | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | *2 420 000* | *1 020 000* | *3 500 000* | *6 940 000* | |
| | % | Totali HR | **TITLU 1 Persunal** | **TITLU 2 Infrastruttura** | **TITLU 3 Operattivi** | **Baġit totali** | Porzjon tal-baġit |
| **Qasam fokali 1: Struttura istituzzjonali tal-Istitut** | 33 % | 11.25 | 970,000 | 331,000 | 428,000 | 1, 729,000 | 25 % |
| **Qasam fokali 2: Appoġġ tekniku għall-ħidma ta' politika tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri** | 26 % | 9 | 590,000 | 201,000 | 847, 000 | 1, 638,000 | 24 % |
| **Qasam fokali 3: Oqsma tematiċi jew ta' prijorità** | 18 % | 6 | 350,000 | 119,000 | 120,000 | 589,000 | 8 % |
| **Qasam fokali 4: Tqajjim tas-sensibilizzazzjoni, netwerking u komunikazzjoni** | 10 % | 3.5 | 270,000 | 92, 000 | 1,425,000 | 1,787 ,000 | 26 % |
| **Qasam fokali 5: Djalogu u Sħubija** | 13 % | 4.25 | 240,000 | 82,000 | 460,000 | 782,000 | 11 % |
| **RIŻERVI**[9] | | | | 195 000 | 220 000 | 415,000 | 6 % |
| Totali | 100 % | 34 | 2,420,000 | 1, 020,000 | 3 ,500,000 | 6,940,000 | 100 % |
| | | | Abbozz tal-baġit 2010 | | | | |

[9] Il-fondi fir-riżerva huma ffriżati sakemm tittieħed deċiżjoni mill-Bord tat-Tmexxija fil-laqgħa li jmiss.

# 4 PJAN TA' STABBILIMENT

| Grupp/grad tal-funzjoni | Pjan ta' stabbiliment awtorizzat 2009 | Pjan ta' stabbiliment mitlub 2010 | Pjan ta' stabbiliment modifikat bid-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija tad-19 ta' Frar 2010 |
|---|---|---|---|
| AD16 | | | |
| AD15 | | | |
| AD14 | | | |
| AD13 | 1 | 1 | 1 |
| AD12 | | | |
| AD11 | 1 | 1 | 1 |
| AD10 | 1 | 1 | 1 |
| AD9 | | | 1 |
| AD8 | 2 | 2 | 3 |
| AD7 | 2 | 2 | 2 |
| AD6 | | 1 | 1 |
| AD5 | 5 | 8 | 8 |
| ***TOTAL AD*** | ***12*** | ***16*** | ***18*** |
| AST11 | | | |
| AST10 | | | |
| AST9 | 1 | 1 | |
| AST8 | 1 | 1 | |
| AST7 | | | |
| AST6 | 2 | 2 | 2 |
| AST5 | 2 | 3 | 3 |
| AST4 | 2 | 2 | 2 |
| AST3 | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| AST2 | | | |
| AST1 | | | |
| ***AST TOTALI*** | ***8*** | ***9*** | ***7*** |
| ***AD/AST TOTALI*** | ***20*** | ***25*** | ***25*** |

Persunal estern: aġenti b'kuntratt

| **Grupp ta' funzjoni** | **2009** | **2010** |
|---|---|---|
| FG IV | 2 | 2 |
| FG III | 1 | 2 |
| FG II | 2 | 2 |

# 5 MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

## 5.1 MONITORAĠĠ TAL-IMPLIMENTAZZJONI

Fuq il-bażi tal-approċċ ta' Moniteraġġ Ibbażat fuq ir-Riżultati, l-Istitut sejjer jiġbor u janalizza informazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma. Sejra tinġabar dejta fil-linja bażi u informazzjoni, u sejrin jiġu żviluppati indikaturi u għanijiet biex jipprovdu lill-maniġment u lill-partijiet interessati ewlenin b'indikazzjonijiet tal-progress tal-implimentazzjoni.

Sejra tiġi żviluppata sistema ta' monitoraġġ minn kull tim u din sejra tiġi kkonsolidata miż-żewġ unitajiet fi pjan waħdieni użat għall-Istandards ta' Kontroll Intern.

## 5.2 RAPPORT ANNWALI

Sa tmiem l-2010 għandu jitħejja l-ewwel rapport annwali li jippreżenta r-riżultati immedjati u għandu jiġi ppreżentat lill-Bord tat-Tmexxija u lill-partijiet interessati rilevanti l-oħrajn kollha.